

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 866/2007

tat-23 ta' Lulju 2007

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 234/2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/93/PESK tat-12 ta' Frar 2007 li timmodifika u ġġedded il-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK dwar il-miżuri ristrettivi imposti fuq il-Liberja <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK ta' l-10 ta' Frar 2004 dwar miżuri ristrettivi kontra l-Liberja <sup>(2)</sup> pprovdiet għall-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) 1521 (2003) fir-rigward tal-Liberja, inklużi embargo fuq l-armi u projbizzjoni fuq il-forniment ta' assistenza teknika u finanzjarja marbuta ma' attivitajiet militari.
- (2) Skond ir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tan-Nazzjonijiet Uniti 1647 (2005), 1683 (2006), 1689 (2006) u 1731 (2006), il-Pożizzjonijiet Komuni 2006/31/PESK <sup>(3)</sup>, 2006/518/PESK <sup>(4)</sup> u 2007/93/PESK ikkonfermaw il-miżuri restrittivi tal-Pożizzjoni Komuni 2004/137/PESK għal perjodu ta' żmien ulterjuri u pprovdew għal ċerti modifiki.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 234/2004 ta' l-10 ta' Frar 2004 dwar ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Liberja <sup>(5)</sup> jipprojbixxi l-forniment lil-Liberja ta' assistenza teknika u finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari u l-importazzjoni ta' djamanti mhux maħduma mill-Liberja.

- (4) Fid-dawl ta' l-iżviluppi fil-Liberja, fl-20 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 1731 (2006) li ġġeddet il-miżuri restrittivi imposti mir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1521 (2003) u ddeċidiet li l-miżuri dwar l-armi m'għandhomx japplikaw għal fornimenti ta' tagħmir militari mhux letali, ħliet armi u munizzjon mhux letali, kif notifikati bil-quddiem lill-Kumitat stabbilit mill-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni 1521 (2003), intiżi biss għall-użu minn membri tal-pulizija u tal-forzi tas-sigurtà tal-Gvern tal-Liberja li ġew mistħarrġa u mħarrġa sa mill-bidunett tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Liberja f'Ottubru 2003.

- (5) Il-Pożizzjoni Komuni 2007/93/PESK tipprova għal eżenzjoni addizzjonali li tkopri tali fornimenti u ssejjaħ għal azzjoni Komunitarja.

- (6) Jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 234/2004 fir-rigward ta' l-identifikazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

- (7) Huwa xieraq li l-emenda jkollha effett retroattivament mid-data ta' wara l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1731(2006).

- (8) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru. 234/2004 għandu jiġi emendat skond il-każ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 234/2004 huwa b'dan emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

## "Artikolu 3

1. B'deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti, kif indikat fil-websites elenkati fl-Anness I, ta' l-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizz ikun stabbilit, jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta':

- (a) assistenza teknika, finanzjament u assistenza finanzjarja marbuta ma'

<sup>(1)</sup> ĠU L 41, 13.2.2007, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠU L 40, 12.2.2004, p. 35. Il-Pożizzjoni Komuni kif emendata l-aħħar mill-Pożizzjoni Komuni 2007/400/PESK (ĠU L 150, 12.6.2007, p. 15).

<sup>(3)</sup> Il-Pożizzjoni Komuni 2006/31/PESK tat-23 ta' Jannar 2006 li ġġedded il-miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja (ĠU L 19, 24.1.2006, p. 38).

<sup>(4)</sup> Il-Pożizzjoni Komuni 2006/518/PESK ta' l-24 ta' Lulju 2006 li timmodifika u ġġedded ċerti miżuri restrittivi imposti kontra l-Liberja (ĠU L 201, 25.7.2006, p. 36).

<sup>(5)</sup> ĠU L 40, 12.2.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 719/2007 (ĠU L 164, 25.6.2007, p. 1).

(i) armi u materjal relatat, fejn tali assistenza jew servizzi jkunu intiżi biss għall-appoġġ u l-użu mill-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Liberja, jew

(ii) armi u munizzjon li jibqgħu fil-kustodja tas-Servizz Speċjali ta' Sigurtà għal użu operattiv liberu u li ġew forniti bl-approvazzjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1521 (2003) lill-membri ta' dak is-Servizz għal finijiet ta' taħriġ qabel it-13 ta' Ġunju 2006;

(b) finanzjament u assistenza finanzjarja marbuta ma':

(i) armi u materjal relatat intiżi biss għall-appoġġ u l-użu fi programm internazzjonali ta' taħriġ u riforma għall-forzi armati u l-pulizija Liberjana, sakemm il-Kumitat stabbilit mill-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1521 (2003) jkun approva l-esportazzjoni, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' l-armamenti jew materjal relatat konċernat,

(ii) tagħmir militari mhux letali u intiżi biss għal użu umanitarju jew ta' protezzjoni, sakemm il-Kumitat stabbilit mill-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1521 (2003) jkun approva l-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment tat-tagħmir konċernat,

(iii) armi u munizzjon intiżi għall-użu minn membri tal-pulizija u tal-forzi tas-sigurtà tal-Gvern tal-Liberja li ġew mistħarrġa u mħarrġa sa mill-bidu tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Liberja f'Ottubru 2003, sakemm il-Kumitat stabbilit mill-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1521 (2003) jkun approva l-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment ta' l-armi jew il-munizzjon konċernati, jew

(iv) tagħmir militari mhux letali, ħlief armi u munizzjon mhux letali, intiżi biss għall-użu minn membri tal-pulizija u tal-forzi tas-sigurtà tal-Gvern tal-Liberja li ġew mistħarrġa u mħarrġa sa mill-bidu tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Liberja fl-2003, sakemm il-Kumitat stabbilit mill-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1521 (2003) jkun ġie notifikat bl-esportazzjoni, il-bejgħ, il-forniment jew it-trasferiment tat-tagħmir konċernat.

2. L-ebda awtorizzazzjoni ma għandha tingħata għal attivitajiet li diġa' sehew.”;

(2) l-Artikolu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

1. Fejn attivitajiet ta' dan it-tip ġew approvati minn qabel mill-Kumitat stabbilit permezz tal-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1521 (2003), u b'deroga mill-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti, kif indikata f'website elenkata fl-Anness I, ta' l-Istat Membru fejn il-fornitur tas-servizzi ikun stabbilit, tista' tawtorizza l-forniment ta' assistenza teknika relatata ma':

(a) armi u materjal relatat intiżi biss għall-appoġġ ta', u l-użu fi, programm internazzjonali ta' taħriġ u riforma għall-forzi armati u l-pulizija Liberjani;

(b) apparat militari mhux letali intiżi biss għal użu umanitarju jew ta' protezzjoni; jew

(c) armamenti u munizzjon intiżi għal użu minn membri tal-pulizija u tal-forzi tas-sigurtà tal-Gvern tal-Liberja li ġew mistħarrġa u mħarrġa sa mill-bidunett tal-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Liberja f'Ottubru 2003.

L-approvazzjoni tal-Kumitat stabbilit mill-paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà tan-NU 1521 (2003) għandha tintalab permezz ta' l-awtorità kompetenti, kif indikata f'website fl-Anness I, ta' l-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur tas-servizz.

Il-Gvern ta' l-Istat Membru kkonċernat u l-Gvern tal-Liberja għandhom jagħmlu talba konġunta lill-Kumitat stabbilit permezz tal-Paragrafu 21 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1521 (2003) għall-approvazzjoni ta' assistenza teknika marbuta ma' l-armi u l-munizzjon imsemmija fil-punt (c).

2. L-ebda awtorizzazzjonijiet ma għandhom jingħataw għal attivitajiet li diġa' sehew.”;

(3) għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 8a

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fil-websites, jew permezz tal-websites, elenkati fl-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha b'kull emenda sussegwenti.”;

(4) l-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 234/2004 għandu jiġi sostitwit mit-test li jidher fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika b'effett mill-21 ta' Diċembru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 23 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. AMADO

---

## ANNEX

## "ANNEX I

**Websites li jipprovdu informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 3 u 4, u l-indirizz għall-finijiet ta' notifika lill-Kummissjoni Ewropea**

## BELĠJU

<http://www.diplomatie.be/eusanctions>

## BULGARIJA

<http://www.mfa.government.bg>

## REPUBBLIKA ĊEKA

<http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce>

## DANIMARKA

<http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternationalRetsorden/Sanktioner/>

## ĠERMANJA

<http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html>

## ESTONJA

[http://www.vm.ee/est/kat\\_622/](http://www.vm.ee/est/kat_622/)

## GREĊJA

<http://www.yplex.gov.gr/www.mfa.gr/en-US/Policy/Multilateral+Diplomacy/International+Sanctions/>

## SPANJA

[www.mae.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones+Internacionales](http://www.mae.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones+Internacionales)

## FRANZA

<http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/>

## IRLANDA

[http://www.dfa.ie/un\\_eu\\_restrictive\\_measures\\_ireland/competent\\_authorities](http://www.dfa.ie/un_eu_restrictive_measures_ireland/competent_authorities)

## ITALJA

<http://www.esteri.it/UE/deroghe.html>

## ĊIPRU

<http://www.mfa.gov.cy/sanctions>

## LATVIJA

<http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539>

## LITWANJA

<http://www.urm.lt>

## IL-LUSSEMBURGU

<http://www.mae.lu/sanctions>

## UNGERIJA

[http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/nemzetkozi\\_szankciok.htm](http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/nemzetkozi_szankciok.htm)

## MALTA

[http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions\\_monitoring.asp](http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp)

## OLANDA

<http://www.minbuza.nl/sancties>

## AWSTRJA

[http://www.bmeia.gv.at/view.php?f\\_id=12750&LNG=en&version=](http://www.bmeia.gv.at/view.php?f_id=12750&LNG=en&version=)

## POLONJA

<http://www.msz.gov.pl>

## PORTUGALL

<http://www.min-nestrageiros.pt>

## RUMANIJA

<http://www.mae.ro/index.php?unde=doc&id=32311&idlnk=1&cat=3>

## SLOVENJA

[http://www.mzz.gov.si/si/zunanja\\_politika/mednarodna\\_varnost/omejevalni\\_ukrepi/](http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/)

## SLOVAKKJA

<http://www.foreign.gov.sk>

## FINLANDJA

<http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet>

## SVEZJA

<http://www.ud.se/sanktioner>

## IR-RENJU UNIT

<http://www.fco.gov.uk/competentauthorities>

**Indirizz għall-finijiet ta' notifika lill-Kummissjoni Ewropea:**

European Commission

DG External Relations

Directorate A. Crisis Platform and Policy Coordination in CFSP

Unit A2. Crisis Management and Conflict Prevention

CHAR 12/106

B-1049 Bruxelles/Brussel (Belgium)

E-mail: [relex-sanctions@ec.europa.eu](mailto:relex-sanctions@ec.europa.eu)

Tel. (32 2) 295 55 85, 296 61 33

Fax: (32 2) 299 08 73".

---